# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

*Avultun Abjad*






# EDITORJAL



## Ħbieb Ħuttaf,

Did-darba fuq il-faċċata ta' wara tal-Ħuttafa hemm ritratt tal-Buskett! Min jaf kemm-il darba mortu s'hemm. Imma naħseb li żgur qatt ma rajtu l-Buskett mill-ajru, sakemm ma rajtuhx xi darba mill-ajruplan.

Dak ir-ritratt jurina kif jidher il-Buskett minn għajnejn ta' tajra tal-priża meta tkun qed tpassi fl-għoli. Tara dik iċ-ċappa kollha ħdura, tgħidlek inżel u strieħ għad-dell tas-siġar tiegħi!

Min jaf miskina tajra, wara tant u tant kilometri ta' baħar u baħar u aktar baħar, ara kif taraħ ġenna ta' l-art post bħall-Buskett.

Mhux ta' b'xejn li fuq il-Buskett jinġabru mijiet ta' tajr bħal kuċċard, bgħadan u isqra. U mhux ta' b'xejn ħafna minnhom jinżlu biex jistrieħu u jorqdu fih.

U mhux ta' b'xejn li ħafna kaċċaturi jistaħbew qalb is-siġar u jisparaw fuq dawn il-povri għasafar...

**Imma dis-sena, kif taraw f'paġna 3, l-istorja fil-Buskett kienet differenti sew mis-soltu...**




Victor

**Victor Falzon**
L-Editur




## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| L-avultuni | 5 |
| Gallerija | 6 |
| Il-Lampuka | 7 |
| Rapport | 7 |
| Avviżi | 7 |
| Kompetizzjoni 40 | 8 |
| Ittri | 8 |
| Attività | 9 |
| Deżertifikazzjoni | 10 |
| Ittra lill-ġenituri | 11 |
| Daħħal membru | 11 |
| Il-Buskett | 12 |


## Working Group ta' Klabb Ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo


Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **blm@orbit.net.mt**
website: **www.waldonet.net.mt/birdlife/**


Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skop kummerċjali u dment li jissemma' isem il-magażin u li tintbagħat kopja tal-materjal lill-BirdLife.
Publikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Avultun Abjad** (ritratt ta' Joseph Mangion)
Faċċata ta' wara: **Buskett** (ritratt ta' Joe Sultana)
Films: Gutenberg Press.
Stampat: Poulton's Print Shop, Settembru 2000

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax-il sena. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Shubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.

# Buskett Bellezza!!




**Għall-ewwel darba fl-istorja, dil-ħarifa fil-Buskett ma sarx il-massakru tas-soltu! Wara s-snin twal li l-BirdLife ilha titħabat u titkellem u tipprotesta u tinsisti u tiġġieled u tittallab, jidher li...**
**Fl-aħħar** l-edukazzjoni forsi qiegħda tilħaq lil dawk li jmexxu lil Malta!
**Fl-aħħar** donnhom qegħdin jindunaw li Malta ma tistax tibqa' Malta tal-kawbojs li jagħmlu li jridu!
**Fl-aħħar** donnhom qegħdin jibdew jisthu mill-pajjiżi li jitkażaw bil-qerda ta' l-għasafar li ssir f'Malta!
**Fl-aħħar** il-pulizija qed tithalla tagħmel xogħolha sew. Bl-għajnuna tal-berdwoċers tal-BirdLife, il-pulizija setgħet iddawwar u tindokra l-Buskett b'tali mod li **kien impossibli li jidħol kaċċatur wieħed jispara** f'dan is-santwarju tant importanti. Bil-pulizija ġol-Buskett filgħodu u filgħaxija, u anke bl-armata bil-lejl, il-kawbojs ċedew u ħallew il-kuċċard, il-bgħadan, l-astuni, l-isqra, il-kwakk, il-qerd in-naħal u tant u tant iktar għasafar jorqdu fil-kwiet u fil-paċi biex l-għada jkomplu l-passa tagħhom lejn l-Afrika.

**Nisperaw li dan huwa l-bidu ta' żmien aktar sabiħ għall-għasafar!**

# Reġa' bejjet ir-Russett!




Raymond Galea




Raymond Galea

**Iva, ħbieb! Għat-tieni darba, fir-riserva tas-Simar reġa' bejjet ir-Russett tas-Siġar.**

**Għaxar snin ilu, is-Simar kien post kollu ħmieġ, skart u ġrieden, b'kanal jinten pesta għaddej minn ġo nofsu.**

**Xi membri tal-BirdLife raw li bi ftit ħsieb, skoss flus u ħafna xogħol, dan il-post seta' jsir riserva naturali tal-ġenn!**

**Għalhekk il-BirdLife bdiet taħdem fuq din l-idea, u llum is-Simar sar ġenna ta' l-art għan-natura.**

**Speċjalment għall-għasafar! Minn mindu s-Simar sar riserva naturali, skoss għasafar bdew jinġibdu lejn dan il-post, u anke bdew ibejtu. Fost dawn hemm il-Gallozz Iswed (moorhen), il-Bagħal tal-Qasab (reed warbler) u r-Russett tas-Siġar (little bittern). Dan ta' l-aħħar qatt ma kien magħruf li bejjet qabel f'Malta, għax ma kienx hawn ambjent tajjeb għalih!**

**Imma jidher li issa hawn!**

# Ħajja ġdida fl-Angola



Fl-Angola (fl-Afrika) l-gwerra qatlet mhux biss nies, **imma eluf ta' annimali** bħal iljunfanti, rinoċeronti u antilopi. Ħafna minn dawn l-annimali spiċċaw mill-Angola. Il-gwerra issa kważi spiċċat, u l-gvern irid jerġa' jsebbaħ l-Angola bl-annimali li kienu jgħixu hemm qabel. Għalhekk l-Afrika t'Isfel tat numru ta' iljunfanti lill-Angola. Dawn l-iljunfanti ġew f'ajruplan daqsxiex, u issa ntelqu f'park kbir jismu **Kissama**. Se jinġiebu aktar annimali bħal bufli, ħippopotami. Ma' dawn l-annimali se jkun hemm għassa stretta ħafna.

Aħna nisperaw li dawn l-annimali jsibu xorti aħjar minn ta' qabilhom, u li l-ħajja selvaġġa fl-Angola terġa' tieħu r-ruħ.

# Arbli fil-Veneżwela



Fil-Veneżwela hemm park naturali jismu **Canaima**. Dan huwa parti mill-foresta ta' l-Amażon, u li fih hemm waħda mill-ogħla waterfalls tad-dinja (l-Angel Falls). F'dal-park jgħixu mhux biss annimali u siġar bir-rimi, imma anke xi tribujiet ta' Indios. Dan l-aħħar, kumpanija ta' l-enerġija **ħolmot li tgħaddi triq u arbli tad-dawl dritt minn ġo nofs dal-park**. L-Indios irrabjaw ħafna b'dil-biċċa xogħol, għax qalu li dan l-indħil fl-art tagħhom se jirvina l-ħajja li huma mdorrijin jgħixu. Fil-fatt ftit tal-ġranet ilu, dawn l-Indios waqqgħu partita minn dawn l-arbli u kissruhom!




# Il-Ġappun u l-balieni

Illum-il ġurnata, il-pajjiżi tad-dinja kważi kollha waqfu jikkaċċjaw il-balieni. Imma mhux il-Ġappun! Il-Ġappuniżi għadhom iffissati bil-qtil tal-balieni, u għadhom joqtlu **balieni minke** (minke whale). Huma jgħidu li qed jagħmlu dan biex jistudjawhom, imma naturalment ħadd ma jemminhom, għax kulħadd jaf li l-laħam jinbiegħ fuq is-suq! Issa l-Ġappun iddeċieda li jibda joqtol ukoll **balieni ta' Bryde** (Bryde's whale) u **gabdolli** (sperm whale). Ħadd ma ħa pjaċir b'dil-biċċa xogħol. L-iStati Uniti fil-fatt iddeċidiet li ma tħallix lill-Ġappun jistad għal ħut fl-ibħra tagħha. Tgħid il-Ġappun jisma' did-darba, jew jibqa' jwebbes rasu?



Sadattant il-balieni għadhom qed jispiċċaw ċapep laħam fil-platti fir-ristoranti ta' Tokyo!

# L-Unjoni Ewropea u l-annimali

Kif ħafna minnkom jafu jekk taqraw il-Ħuttafa (ara Ħ24 u Ħ39), **miljuni ta' annimali jsofru uġigħ u torturi kbar fil-laboratorji li jagħmlu l-kożmetiċi.** Biex jaraw jekk xi lipstik jew ajxedow huwiex velenuż, ix-xjenzati jittestjawh fuq annimali bħal ħemsters, fniek, xadini eċċ. Dawn it-testijiet huma kattivi ħafna, u l-annimali kollha jmutu mewta twila u kiefra. Ħafna nies ma jafux b'dawn l-esperimenti, għax it-testijiet isiru fil-magħluq.

L-Unjoni Ewropea (għaqda ta' 15-il pajjiż) qed taħseb biex **taqta' kompletament l-esperimenti fuq l-annimali** mill-pajiżi membri tagħha, u **taqta' anke x-xiri ta' prodotti u kimiċi** li jkunu ġew ittestjati fuq l-annimali. L-UE ħa tmexxi wkoll riċerka biex isibu mezz kif jittestjaw il-prodotti bla ma jużaw annimali.







Malti: **Avultun abjad**
Ingliż: **Egyptian vulture**
Xjentifiku: *Neophron percnopterus*

# *l-Avultun Abjad*

*Mark-Anthony Falzon*

**F'din il-ħarġa se nitkellmu dwar familja ta' tajr tal-priża li ma jikkaċċjawx annimali oħrajn, imma li jieklu l-karkassi - jiġifieri iġsma mejtin ta' annimali, u fdalijiet tal-laħam li jħallu warajhom il-predaturi. Qed nirreferi għall-avultuni (*vultures*).**

L-avultuni huma tajr li jħobb il-beraħ, bħal per eżempju deżerti u steppa. Dan huwa importanti għalihom biex ikunu jistgħu jilmħu xi annimal li jkun miet, ħalli jinżlu jieklu l-fdalijiet tiegħu.

L-**avultuni huma speċjalizzati** biex jagħmlu dan. Għandhom ġwienaħ twal u wesgħin biex jissaqqru fl-għoli għal sigħat twal, minn fejn josservaw l-ambjent ta' taħthom. Munqarhom huwa kbir u mgħawweġ 'l isfel biex iqattgħu l-laħam u l-ġlud. Ħafna drabi rashom tkun bla rix. Dan għaliex l-avultuni jħobbu jdeffsu rashom fit-tiċrit ta' l-annimal mejjet għall-fdalijiet tal-laħam. Kieku jkollhom ir-rix ma' rashom, dan malajr jitħammġilhom.

L-avultuni spiss **jgħixu fi qtajja'**, u jistgħu jkunu qtajja' kbar ħafna fejn ikun hemm l-ikel.

F'Malta m'għandniex ambjent tajjeb għall-avultuni, għax Malta żgħira u m'hawnx wesgħat kbar. Imma fil-ħarifa tpassi minn fuq Malta speċi waħda ta' avultun. Dan huwa l-**avultun abjad**. L-avultun abjad huwa tajra kbira, bi ġwienaħ twal u wesgħin u b'denb għamla ta' feles. L-adult ikun abjad silġ bil-pinen suwed fuq il-ġwienaħ (ara wkoll ritratt p1), u ras u għonq safranin. Il-ferħ ikun kannella b'xi daqqiet kafellatte.

L-avultun abjad huwa wieħed minn **erba' speċi** ta' avultuni li jgħixu fl-Ewropa, u kollha huma rari. F'Malta avultuni bojod jidhru biss xi wieħed jew tnejn fis-sena, u ġieli ma jidher xejn ukoll! Dan l-għasfur narawh ġeneralment f'Settembu u Ottubru, jissaqqar ma' tajr tal-priża ieħor.

Ta' min jgħid li ftit snin ilu deher f'Malta avultun rarissmu - dan kien l-**avultun prim** (*griffon vulture*), li huwa għasfur enormi u spettakolari - l-avultun abjad jidher nanu ħdejh! Bħas-soltu xi kaċċaturi kawbojs Maltin għażlu li "japprezzaw" dan l-għasfur billi joqtluh u jibbalzmawh biex joqogħdu jarawh jiġbor it-trab f'xi vetrina! Fil-fatt dan l-imsejken avultun prim inqatel minn speed-boat ħdejn Filfla u min qatlu tgħidx kemm ħa ritratti miegħu mejjet, bħallikieku għamel xi bravura!

**Biex taraw fejn twassal l-injoranza!**



L-avultun abjad faċli tagħrfu mid-denb magħmul feles.

# GALLERIJA





**SPONSUN**
Christiana Borg (11)



**PITIRROSS**
Karl Farrugia (11)



**FARRUĠ**
Earl Vella (12)



**PITIRROSS**
Chris Scalpello (10)



**SERP**
Jean Paul Mifsud Saydon (10)






**RONDINELLA**
Alison Gauci (13)



**TUKAN**
Edwin Gusman (10)



**ĊIRLEWWA TAX-XITWA**
Oliver Saliba (12)



GAWWIJA
Yoanna Galea (8)




**PITIRROSS**
Sara-Jane Cauchi (10)

Pinġu fuq karta bajda, mhux ikbar minn din il-paġna, b'linka sewda u mhux bil-kulur. Tinsewx isimkom, l-età tagħkom u isem l-annimal jew pjanta. Agħmlu hekk, u t-tpinġija tagħkom tidher fil-magażin. Tpinġux annimali domestiċi għall-Huttafa, bħal klieb, qtates eċċ. Kull tpinġija li nġibu tieħu 3 punti fil-Huttafa tas-Sena 2000.

Spot Natura

# Il-Lampuka

JASON ALOISIO



Il-lampuka hija ħuta tal-passa, bħat-tonn u l-pixxispad. Tqatta' parti mis-sena fl-Oċejan Atlantiku, u l-parti l-oħra fil-Mediterran. L-ewwel ma jpassi hu l-ħut iż-żgħir u warajh ipassi l-ħut il-kbir. Bl-Ingliż il-lampuka jgħidulha *coryphean* jew *dolphin-fish*.

Il-lampuka tikber sa metru u ġieli anke iktar. Iktar ma tikber, iktar rasha ma tibqax ippuntata, imma ssir wieqfa. Il-lampuka għandha kulur sabiħ ħafna, blu fin-naħa tad-dahar u isfar sabiħ in-naħa taż-żaqq. Naturalment, biex tapprezza dawn il-kuluri trid tara l-lampuka fil-baħar, għax meta tinqabad u tittella' l-art, dawn l-ilwien jintilfu.

Il-lampuka tinġabar fi qtajja' kbar u tikkaċċja ħut ieħor iżgħar minnha. Mhix ħuta li tgħix fil-fond, u tħobb iżżomm taħt id-dgħajjes u l-vapuri għad-dell u biex tistaħba minn predaturi bħad-denfil.



**Jürgen Pavanello,** kuntent bin-Nintendo 64 li rebaħ. Jürgen daħħal 20 membru fil-Klabb f'temp ta' xaharejn.

## Il-Ħuttafa tas-Sena

Dawn huma l-10 membri li bħalissa qegħdin fuq quddiem fil-**Ħuttafa tas-Sena 2000**

| | |
|---|---|
| **Jürgen Pavanello** | **255** |
| **Sara Jane Cauchi** | **225** |
| **Kyra Vassallo** | **197** |
| **Kenneth Cauchi** | **188** |
| **Clayton Borg** | **138** |
| **Alvin Borg** | **085** |
| **Alf Buhagiar** | **078** |
| **André Sciberras** | **047** |
| **Arthur Briffa** | **046** |
| **Darren Dalli** | **042** |




## BACKNUMBERS

Nispera li baqa' backnumbers tal-Ħuttafa! Aħjar inħaffef!



*Backnumbers* tal-Ħuttafa baqa' minn ta' kull ħarġa ħlief 1 u 3. Kull **backnumber** jiswa' 25ċ (30ċ bil-posta). Ċemplu 347646

## R A P P O R T



Eliseo Pavanello

## Lejla max-Xemx!

Kellna serata interessanti nhar it-30 Ġunju. Konna iktar minn 50 ruħ. Kulħadd lagħab u tgħallem u rebaħ u feraħ u daħaq u kiel u xorob.

Is-suġġett tas-serata kienet **ix-xemx**. Bil-logħob rajna kemm hija importanti x-xemx għalina, kemm hija l-qofol tal-ħajja fid-dinja. Bil-logħob ukoll tgħallimna kemm tista' tkun ta' ħsara x-xemx jekk noqogħdu wisq fir-raġġi tagħha.Imbagħad kellna ħotdogs u drinks. Kulħadd jomgħod, jibla' u jbekbek!

Grazzi, bħal dejjem, lill-ħafna leaders li għenu biex is-serata tkun suċċess.



# KOMPETIZZJONI 40

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | K | S | S | Z | P | B | I | L | U | H | M | Y | V | G |
| J | P | Z | Ċ | X | X | P | T | U | L | L | A | P | S | Z |
| B | X | M | S | A | R | I | S | V | L | D | Z | Y | D | K |
| P | N | E | M | L | A | U | L | D | R | B | Z | J | Z | O |
| W | L | P | Ċ | I | S | R | X | X | F | U | A | M | S | N |
| G | V | N | M | A | S | Ċ | D | X | L | M | R | Z | B | K |
| E | N | A | N | N | A | K | O | L | A | U | E | R | A | T |
| G | X | L | J | E | L | G | T | N | N | N | L | M | S | Y |
| D | Q | L | D | D | T | N | T | A | E | Q | L | L | E | Y |
| L | F | I | X | F | I | I | M | J | I | A | G | F | F | X |
| S | U | P | N | N | N | X | V | S | D | R | F | M | F | V |
| X | S | P | F | V | U | L | L | I | R | G | S | L | U | J |
| T | U | A | B | Ċ | N | A | N | E | I | B | B | U | D | I |
| E | B | K | Q | I | L | Ċ | M | G | W | S | X | M | I | N |
| N | P | X | L | M | F | T | N | J | B | D | O | H | G | X |

*NORMAN CHETCUTI*
*The Gamesboy*

Araw kemm insetti jirnexxilkom issibu moħbijin qalb dal-ħafna ittri. B'kollox imsomma hemm 20 annimal, u biex ngħinukom ġibnilkom il-lista sħiħa hawn taħt, u lestejnilkom l-ewwel insett ukoll. Tistgħu timxu mimdudin, weqfin, imxattrin, 'il quddiem u lura! Ara taqgħu!!!

| | |
|---|---|
| **ASSALTIN** | **MQASS** |
| **BUMUNQAR** | **NANNAKOLA** |
| **BUSUF** | **NEMLA** |
| **DJAMANTIN** | **NINFA** |
| **DUBBIENA** | **RUXXAN** |
| **GRILLU** | **SEFFUD** |
| **KAMLA** | **SPALLUT** |
| **KAPPILLAN** | **SUSA** |
| **MAZZARELL** | **WIRDIENA** |
| **MISKTA** | **XIDJA** |



Ibagħtu kopja tat-taħbila lesta (jekk tqasqsu l-magażin titilfu mill-ewwel), sat-**Tlieta 31 Ottubru 2000**. Tinsewx isimkom eċċ. Indirizz tal-BirdLife f'p2. Min jittella' fost it-tajbin jirbaħ ktieb dwar in-natura.

Ir-rebbieħa ta' KOMPETIZZJONI 39 hija **Sara Amin** mill-iMsida. Sara mitluba tmur iċ-ċentru tal-BirdLife (Tnejn sal-Ġimgħa 9am-12) f'Ta' Xbiex, tieħu magħha l-membership card, biex tiġbor il-premju.

# ittri 3

## Mostru fil-Funtana...

**Sur Editur,**

**Fil-ġnien għandna vaska kbira u funtana żgħira mwaħħla mal-ħajt. Fl-ilma mdardar tal-funtana sibt eluf ta' kreaturi żgħar bħal ma hu muri fl-istampa. X'tip ta' kreatura hi din? Marżepp mhix! Dejjem tiegħek,**




**Ryan Bonett**
**Ħ'Attard**

Għażiż Ryan,

Mhux talli taf tosserva, imma milli jidher taf kif tieħu nota sew ta' annimal, bil-kejl eċċ.

Issa niġu għall-annimal misterjuż. Naħseb dan huwa **ferħ ta' nemusa tad-djar**, Ryan. In-nemus iħobb l-ilma qiegħed, u jekk il-funtana ma tantx tħaddmuha, mela huwa post ideali fejn in-nemus ibid! Jien sibtlek stampa minn ktieb ta' kif tkun larva ta' nemusa tad-djar.

Innota li l-frieħ tan-nemusa tad-dar iħobbu joqogħdu mdendlin rashom 'l isfel taħt wiċċ l-ilma.




L-Editur

## ...u ieħor fil-baħar!!!

**Għażiż Editur,**

**Nixtieq l-ewwel ngħidlek prosit għall-magażin *Il-Ħuttafa*. It-tieni nixtieq ngħidlek xi ħaġa li ġratlna dan l-aħħar f'Għar Lapsi.**

**Waqt li konna qegħdin ngħumu, kien hemm sajjied u qabbad il-magna tiegħu ġol-bajja. Barra li kien hemm riħa qawwija ta' pitrolju, fil-wiċċ ta' l-ilma kien hemm il-pitrolju u l-baħar kien kollu kuluri.**

**Barra li kien hemm in-nies u ħafna tfal żgħar, mur ara l-ħut li joqogħdu fil-baħar stess!**

**Jien nixtieq insaqsi jekk hemmx xi liġi jew regola biex iwaqqfu jew jgħidu lis-sajjieda biex iqabbdu l-magni tagħhom barra mill-bajja.**

**Alison Gauci**
**Ħal Kirkop**

Għażiża Alison,

Grazzi tal-kummenti sbieħ u skużani li domt ftit ma ġibtlek l-ittra tiegħek. Imma kif taf, spazju fil-magażin ma tantx ikollna...

Dak is-sajjied kien qed jikser il-liġi jekk kien qed juża pitrolju flok petrol (jew diesel) biex iħaddem il-magna.

Jekk kien qed jarmi pitrolju fil-baħar, dak ukoll huwa ksur tal-liġi. Dwar li kien qed iqabbad magna fil-bajja, ma jidhirlix li din hija illegali, sakemm ma kienx qed ikun ta' periklu dirett għan-nies.

L-Editur




# Skond l-Ambjent l-Għasfur!

Veru li Malta daqs nitfa, imma veru wkoll li f'Malta għandna ħafna ħabitati differenti. **Ħabitat** huwa tip ta' ambjent. Għandna xagħri, għandna makkja, għandna widien, bosk (speċi ta'!), xtut, għoljiet, irdum eċċ. U l-għasafar jinfirxu f'dawn il-ħabitati skond l-ambjent li jippreferu.

Per eżempju m'intix se ssib ċiefa rieqda fis-siġar taż-żnuber tal-Buskett! Jew xi pitirross jogħdos fir-riserva ta' l-Għadira!

**U proprju dwar das-suġġet se jkollna taħdita bis-slajds. Jekk tixtiequ titgħallmu iktar dwar dan, ejjew araw u isimgħu *Skond l-Ambjent, l-Għasfur!***

Data: **Il-Ġimgħa 13 Ottubru 2000**
Post: **Skola Primarja Furjana**
Ħin: **6pm-7pm**
Dħul: **B'xejn**
Età: **Ħuttaf kollha!**




# Sejrin Inħawlu!






Hekk hu! Sejrin inħawlu s-siġar, nies. Kif tafu, f'Kemmuna l-BirdLife qiegħda tieħu ħsieb biċċa minn Wied l-Aħmar, biex fih tistudja l-għasafar bir-ringing eċċ. F'għalqa mitluqa ġo parti minn dal-wied se nħawlu xi siġar indiġeni. B'hekk il-post mhux biss jisbieħ, imma jiġbed lejh iktar natura bħal insetti u għasafar.

**Għalhekk jekk tħossu li tistgħu, ejjew agħtu daqqa t'id u uru li verament tħobbu n-natura.**

Data: **Il-Ħadd 22 Ottubru 2000**
Min huwa interessat għandu jċempel lil BirdLife fuq 347646 għal aktar dettalji (Mon-Fri 9am-12)

# Għadira, here we come!




Data: **Il-Ħadd 12 Novembru 2000**
Niltaqgħu: **Venda ta' l-Għadira**
Ħin: **8.30am**
Lura: **Nofsinhar**
Età: **Ħuttaf kollha!**

**Se nżuru r-riserva ta' l-Għadira u l-inħawi taċ-Ċumnija, li hija x-xagħra fuq in-naħa ta' wara tar-riserva. Ejjew u tieħdu gost!**

# deżertifikazzjoni

ELISABETH CONRAD



**Tgħid xi darba din għad tkun xena Maltija?**

**X'jiġi f'moħħkom meta tisimgħu l-kelma *desertification*? Forsi taħsbu f'deżerti mimlijin ramel, b'ħafna sħana fejn xita ma tinżel kważi qatt. Allura tiskantaw xi naqra jekk ngħidilkom li d-deżertifikazzjoni hija diżgrazzja li tista' tolqot lil Malta wkoll!**

**X'inhi deżertifikazzjoni?**

Deżertifikazzjoni hija meta art għammiela tibda ftit ftit tilef il-produttività tagħha sa ma ssir art fqira, kif tkun f'deżert. Dan jista' jiġri f'ħafna postijiet, speċjalment fejn hemm klima pjuttost niexfa, inkluż Malta.

X'jiġri f'postijiet milqutin minn dal-proċess? Meta tinżel ix-xita ma jkunx hemm ħxejjex u xita biex iżommu lura l-ilma, allura l-ilma ma jilħaqx jinfiltra fil-ħamrija, u jaħrab mill-ewwel lejn il-baħar. Bjar u għejun jinxfu u l-ftit pjanti li jkun hemm imutu għax bla ilma.

Biex tkompli tgħaqqadha, din l-art nieqsa mill-ħdura tkompli tbiddel ukoll il-klima tal-post (*microclimate*), tant li jibda jasal inqas sħab tax-xita hemm! Ċirku vizzjuż tal-biża'.

**X'jikkawża d-deżertifikazzjoni?**

Il-kawżi jistgħu jkunu kemm naturali kif ukoll umani. Wieħed mill-ħatja ewlenin huwa **r-ragħa żejjed**, jiġifieri meta jkollok wisq mogħoż u ngħaġ jirgħu l-art. Dawn mhux biss jieklu kollox, imma ma jħallu xejn ġdid jikber.

Kawża oħra hija **drawwiet tal-biedja ħżiena** li jnaqqsu l-fertilità tal-ħamrija u jagħmluha ħafna iktar faċli li tintilef.

Il-**qtugħ eċċessiv tas-siġar** ukoll huwa kawża prinċipali. Ħafna nħawi madwar il-Mediterran darba kienu foresti mimlijin ħajja. Illum huma wesgħat blat mikxuf bla farka ħamrija!

Problema oħra hija dik ta' **metodi ħżiena ta' tisqija** li jwasslu biex il-ħamrija ssir mielħa ħafna u ma jkunux jistgħu jikbru pjanti.

Hemm ukoll kawżiet naturali, per eżempju **tibdil fil-klima**, bħal nixfa twila iktar mis-soltu. U anke hawn irridu niftakru li jista' jkun li l-bniedem qed jikkawża bdil fil-klima wkoll, speċjalment bil-*global warming*.

Semmejna kawżi diretti iżda fil-verità s-sitwazzjoni spiss tkun iktar ikkumplikata. Il-**faqar** huwa kawża indiretta. F'pajjiżi fqar in-nies m'għandhomx għażla ħlief li jippruvaw jieħdu kemm jistgħu mill-art, anke jekk qed jagħmlulha l-ħsara. Jekk tkun bil-ġuħ m'intix se toqgħod tinkwieta fuq il-ħsara lill-art!

**X'inhuma l-effetti?**

L-effetti tad-deżertifikazzjoni huma kbar. It-telf ta' l-ilma u ħamrija naturalment jaffettwaw il-biedja. L-ammont ta' produttività agrikola tonqos b'minn 10-50%!

Madwar 61% ta' l-art agrikola f'postijiet bi klima niexfa huma milqutin mid-deżertifikazzjoni. Minn dawn, madwar 12-il miljun ettaru (qisu d-daqs tal-Greċja) ta' art agrikola jintilfu *kull sena* minħabba d-deżertifikazzjoni.

Aħsbu ftit kemm inqas flusgħall-bdiewa, kemm inqas ikel għalina.

**Qed tindunaw kif kull ma nagħmlu lin-natura fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa lilna?**

**X'jista' jsir?**

F'ħafna każijiet huwa diffiċli immens biex terġa' ġġib l-art fi stat produttiv, tuża kemm tuża fertilizzanti! L-aħjar metodu huwa dejjem li tevita l-kawżi mill-bidu, mhux li tipprova ssewwi wara!

**Il-ħsara li għamel il-bniedem irid jipprova jsewwiha l-bniedem ukoll!**



● Inħawi b'riskju ta' deżertifikazzjoni






*Għeżież Ġenituri,*

*Minn żmien għal żmien xi stazzjonijiet tar-radju u tat-televixin jistidnuna mmorru fuq xi programm tagħhom nitkellmu dwar l-attivitajiet ta' Klabb Ħuttaf. Dan naturalment aħna nagħmluh b'ġost kbir, u spiss nieħdu l-opportunità ntellgħu magħna xi membri mill-Klabb ħalli jitkellmu huma stess dwar x'isir fil-Klabb maħbub tagħna.*

*Hawnhekk nixtieq nagħmel talba lilkom biex jekk tħossu li uliedkom jistgħu jieħdu sehem f'okkażjonijiet bħal dawn, nitolbukom tikkuntattjawna biex aħna jkollna lista bil-lest għal meta jinqala' l-bżonn. Naturalment, importanti li t-tfal tagħkom ma jkunux jistħu jitkellmu jew jidhru. Li nitolbu minn għandkom ukoll huwa li meta tinqala' okkażjoni, intom tkunu lesti twassluhom sa l-istudio. Dawn l-okkażjonijiet ikunu ġeneralment tard wara nofsinhar jew filgħaxija.*

*Nistenna bil-ħerqa minn għandkom. Ċemplu 347646, li huwa l-uffiċju tal-BirdLife (9am-12noon).*

*Grazzi u nselli għalikom*

***Jason Aloisio***
*Ko-ordinatur Klabb Ħuttaf*




# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tieħu...

- **Tliet pitazzi**
- **Stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**



Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Data tat-twelid ____________ Telefon ____________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Telefon ____________

Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), postal order jew 34 bolla tas-6ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**


Il-Buskett
Oażi ta' ħdura
BirdLife
MALTA